MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Numru. 1187/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Joseph Taliana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Taliana**, ta’ erbgha u tletin (34) sena, bin il-mejjet Saviour u Filippa neé Galea, imwieled Pietà nhar it-8 ta’ Jannar 1977 u residenti gewwa numru, Bienja Vista, Blokk G, Flat 3, Triq Inguanez, Birkirkara, Malta detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 35178(M), akkuzat talli nhar il-25 ta’ Ottubru, 2011 ghall-habta tas-16.30 hours gewwa Triq Joseph Abela Scolaro, il-Hamrun u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer;

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja f’periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta’ haddiehor, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Heinrich (Karl Heinrich) Muscat li ghandhu numru ta’ Karta tal-Identita’ 0374568(M);

2. ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor (vettura DBN 894) liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma ta’ izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta’ Heinrich (Karl Heinrich) Muscat li ghandhu numru ta’ Karta ta’ l-Identita’ 0374568(M), u terzi persuni ohra;

3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. ghamel ingurji u theddid lil Heinrich (Karl Heinrich) Muscat li ghandhu numru ta’ Karta tal-Identita 0374568(M), liema theddid mhux imsemmijin band’ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Heinrich (Karl Heinrich) Muscat li ghandu numru ta’ Karta tal-Identita’ 0374568(M) u lil Gian Luca Costa li ghandu numru ta’ Karta tal-Identita’ 0217692(M) u torbot lill-imputat Joseph Taliana b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 97) datata 30 ta’ Marzu 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikoli 18, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(e) Artikoli 17, 23, 31, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2012, l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat in-noti tas-sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija (*a fol.* 112) u tal-imputat (*a fol.* 120).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011, xehdet **WPS 219 Erica Abela** (*a fol.* 16 *et seq.*) li hejjiet ir-rapport li gie immarkat bhala Dok. “EA 2”. Tispjega kif l-ewwel marru l-Ghassa Ruth Costa flimkien mal-imputat (il-*partner* taghha) u sakemm bdew jispjegaw x’kien gara u ghalxiex kienu marru l-Ghassa, iben Ruth Costa, Gianluca Costa, mar fl-Ghassa flimkien mal-eks *partner* ta’ Ruth Costa, cioé il-*parte civile* Heinrich Muscat u qam argument u kien hemm hafna ghajjat.

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011, xehed ukoll l-**iSpettur Kevin Farrugia** (*a fol.* 26 *et seq.*) li qal illi sussegwentement ghal dak li kienet infurmatu s-Surgent WPS 219 Erica Abela beda jkellem lill-persuni nvoluti fejn kien arresta lill-imputat u kien hadlu stqarrija li tinsab *a fol.* 6 *et seq.* tal-process

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2012 (*a fol.* 104), l-iSpettur Farrugia kkonferma li l-imputat kien l-ewwel wiehed li mar l-Ghassa qabel mar il-*parte civile*. Jghid li dak il-hin il-*parte civile* qal li l-imputat kellu xi *revolver* u mazza u li mit-tfittxija li saret dawn l-oggetti ma nstabux.

Illi, fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2011, xehed ukoll **Heinrich (Karl Heinrich) Muscat** (*a fol.* 28 *et seq.*) li qal li

mar ghat-tfal ta' Ruth Costa, li maghha kellu relazzjoni ta' tnax-il sena, u nqala' argument bejniethom. Jispega li t-tifel ta' Ruth Costa, Gianluca Costa, jghix mieghu. Jghid li telaq minn fuq il-post u mieghu kien hemm it-tifel bl-isem ta' Karl Muscat u kif ukoll Gianluca Costa u hekk kif wasal ezatt kantuniera 'l isfel hdejn l-iskola tal-Hamrun, hdejn il-Maypole, giet il-vettura tal-imputat bi *speed* u din waqfet quddiemu. Jispjega kif mill-vettura hareg l-imputat b'heffa kbira u tah daqqa ta' ponn f'ghajnejh (lil Muscat) u beda hiereg id-demm minn go ghajnejh u l-imputat dar mal-vettura u ta daqqa fuq il-*bonnet* tal-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru DBN 894. Jixhed li gab stima minghand tat-Toyota u li l-hsarat kienu jammontaw ghal sitt mitt Euro.

In <u>kontro ezami</u> Muscat ikkonferma illi c-certifikat tat-tabib jghid illi l-griehi li huwa sofra kienu dawk hfief pero' jghid illi jista' jkun hemm certu konsegwenzi. Ikkonferma wkoll illi kellu relazzjoni f'xi zmien ma' oht l-imputat u li dan kien meta kellu 16-il sena. Xehed li llum ghandu 43 sena u li din ir-relazzjoni damet madwar sitt jew seba' xhur. Ikkonferma li Ruth Costa illum ghandha relazzjoni mal-imputat. Jispjega kif ra mazza u *revolver* f'idejn l-imputat. Ikkonferma li l-imputat mar qablu l-Ghassa jaghmel rapport u li kien hemm Ruth Costa mal-imputat ukoll. Jghid illi go l-Ghassa ma kellmux lill-imputat u li flimkien mieghu l-Ghassa kien mar Gianluca Costa.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, tkompla l-<u>kontro-ezami</u> ta' Muscat (*a fol.* 102). Dan gie mistoqsi jghid jekk lill-imputat jahfirlux u Muscat qal li l-imputat ser jirrangalu t-tiswija tal-vettura u li hu kien lest li jahfirlu. Jghid illi wasal ghal din il-konkluzjoni li jahfirlu peress illi l-imputat kien iggarantilu li ma kienx ha jaghmel l-istess zball u kien ser jirrangalu l-vettura. Mistoqsi jghid jekk baghtiex xi konsegwenzi ohra barra dakinhar li qala' id-daqqa jwiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011, xehed **Gianluca Costa** (*a fol.* 42 *et seq.*) li xehed li ommu hija Ruth Costa. Jixhed li llum il-gurnata jghix mal-eks-*partner* li kellha ommu, cioé il-*parte civile* Muscat. Jispjega li hekk kif

waslu hdejn il-Maypole, ra lill-imputat hiereg mill-vettura ndannat u ta daqqa ta’ ponn lil Muscat f’ghajnejh ix-xellugija u li dan hariglu d-demm. Jghid li Muscat kien ghadu gol-vettura u li kellu l-hgiega miftuha. Jispjega li hu (Costa) kien ghadu magenb Muscat bil-qieghda. Jispjega wkoll kif, wara dan, l-imputat mar fil-bagoll u hareg mazza u pistola ta’ kulur iswed. Jghid li ma jafx jekk id-daqqa fuq il-*bonnet*, kienitx bil-ponn jew b’saqajh.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011, xehed **Dr. Marlon Grech** (*a fol.* 55 *et seq.*) li kkonferma li kien ra lill-*parte civile* Muscat u li l-griehi li kien sofra Muscat kienu ta’ natura hafifa imma b’kumplikazzjonijiet potenzjali. Meta gie muri c-certifikat mahrug minnu, dan gie konfermat.

Illi, fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2011, xehed ukoll **Joseph Vella** (*a fol.* 58 *et seq.*) li pprezenta stima li giet immarkata bhala Dok. “JV 1” liema stima giet mahruga minn Michael Debono Limited u liema stima tinstab *a fol.* 61 tal-process.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed **PC 507 Reece Cassar** (*a fol.* 90) li kkonferma l-firma tieghu fuq id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzju tad-dritt tal-parir legali mill-avukat.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed ukoll **Stephen Cachia** rapprezentant tat-Transport Malta (*a fol.* 92) li xehed illi l-vettura Toyota tghajjat lill-*parte civile* Muscat u li din ilha registrata fuqu mit-8 ta’ Novembru 2011.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2012, xehed ukoll **PC 406 Shaun Micallef** (*a fol.* 94) li gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija (*a fol.* 6) rilaxxata mill-imputat.

Illi, fis-seduta 22 ta’ Novembru 2012, xehed minn jeddu l-imputat **Joseph Taliana** (*a fol.* 107 *et seq.*) li qal li t-tfajla tieghu Ruth Costa kienet qaltlu li kien mar Muscat biex isawwatha. Jghid li Muscat kien johrog m’ohtu u li kien isawwatha wkoll. Jixhed kif Ruth Costa kienet cemplitlu u qaltlu biex imorru jaghmlu rapport. Jispjega kif hu u niezel fit-triq tal-Maypole biex imur ghal Ruth Costa biex imorru

jaghmlu rapport l-Ghassa, ra lil Muscat gej ghal go fih bil-vettura u li flimkien ma' Muscat kien hemm Gianluca Costa, it-tifel ta' Ruth Costa. Jghid illi Gianluca Costa beda jiftah idejh u Muscat beda jghajjru minn got-tieqa u hu, cioé Joseph Taliana, nizel biex jara x'gara u dak il-hin xejjirlu daqqa, cioé Taliana lil Muscat, ghax beda joffendieh (Muscat lil Taliana). Jghid illi kif waqfu quddiem xulxin Muscat beda jghajjru u hu, cioé Taliana, beda jghajjru lura. Jghid illi nqala' xi argument zghir rigward xi flus u li kien hemm xi argument peress illi kienu jahdmu flimkien go xi gabbana. Jghid illi gol-vettura l-Pulizija ma sabulu xejn. Jispjega kif flimkien ma' Ruth Costa marru jaghmlu rapport l-ewwel. Jghid illi lil Muscat kien tah nofs il-flus tal-hsarat fil-vettura ta' Muscat u li kellu rcevuta li kien nesiha d-dar.

In <u>kontro-ezami</u> meta mistoqsi jghid meta xejjer id-daqqa fejn laqtu lil Muscat iwiegeb li ma tax kaz pero wara rrizultalu li kien tah daqqa f'ghajnejh. Jghid illi din id-daqqa kien xejjirha lejn Muscat. Jghid illi l-hsara fil-vettura ta' Muscat saret wara li kien imbuttah Gianluca Costa u kif imbuttah tefghu fuq il-*bonnet* tal-vettura. Ikkonferma li kien ta xi daqqa fuq il-*bonnet* pero' ghamel hekk biex ikun jista' jitilqu. Jghid illi din taha b'idejh.

Illi, fis-seduta tas-22 ta' Novembru 2012, xehdet **Ruth Costa** (*a fol.* 110) li tispjega kif Muscat, li huwa missier it-tlitt tfal taghhom, kellu jmur ghalihom. Tispjega li f'hin minnhom, Muscat nizel mill-vettura, fetah it-tieqa ta' fejn kienet toqghod ma' ommha, qabad joffendiha u offenda lil ommha u ghajjarha. Tixhed li l-imputat huwa l-*boyfriend* taghha u sussegwentement cemplet lill-imputat u qaltlu x'gara u li hu kien mistieden ghal glied u li f'hin minnhom l-imputat mar ghandha, telaq mid-dar imbaghad ma tafx x'gara. Tghid li wara rrizultalha li kien inqala' argument bejn l-imputat u Muscat u wara dan l-imputat kien mar ghandha u marru l-Ghassa jaghmlu rapport u li kienu l-ewwel li ghamlu r-rapport l-Ghassa.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-25 ta' Ottubru 2011 inqala' argument bejn il-*parte civile* Muscat u l-eks mara tieghu Ruth Costa, liema argument gie segwit b'argument iehor bejn l-istess *parte civile* u l-imputat. L-imputat gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati ma' dan l-argument, fosthom dik li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-*parte civile* Muscat.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Illi jirrizulta li Muscat qala' daqqa f'ghajnejh ix-xellugija. Dan jixhdu kemm Muscat kif ukoll Gianluca Costa, it-tifel ta' Ruth Costa. Da parte tieghu, l-imputat ikkonferma li kien xejjer daqqa lejn l-imputat, ikkonferma li laqtu pero jghid li ma jafx fejn laqtu. Huwa jghid: *"Dak il-hin ma tajtx kaz fejn ilqattu imma mbaghad l-ghassa qaluli lqattu fejn ghajnejh jew f'ghajnejh"* (*a fol.* 108). Gie mhejji certifikat mediku minn Dr. Marlon Grech (*a fol.* 20) in sostenn tal-fatt li Muscat kellu griehi fuq ghajnejh ix-xellugija. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li effettivament l-imputat kien ta daqqa lil Muscat f'ghajnejh ix-xellugija u li kkawzalu griehi f'dik l-ghajn.

Illi fin-nota tieghu l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti taht Artikoli 214, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ta' min jinnota pero li fix-xiehda tieghu Dr. Marlon Grech xehed li l-griehi li kien sofra Muscat kienu ta' natura hafifa imma b'kumplikazzjonijiet potenzjali. Dan jirrizulta mic-certifikat rilaxxat mill-istess tabib (*a fol.* 20). Dak miktub mit-tabib fic-ceritikat tieghu huwa rikonoxxut minn Muscat innifsu li xehed li l-griehi li huwa sofra kienu dawk hfief pero' jghid illi jista' jkun hemm certu konsegwenzi.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk

mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax bl-ebda mod xi wiehed mill-kweziti sabiex tista tinsab htija *da parte* tal-imputat taht l-Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-imputat ma jistghax jigi misjub hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi. Minkejja dan, m'hemmx dubju li Muscat sofra offiza ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fil-konfront ta' Muscat bil-konsegwenza tad-daqqa li tah f'ghajnejh.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**
Illi l-imputat gie akkuzat ukoll talli ghamel hsara volontarja fuq il-vettura ta' Muscat. Muscat jghid li wara li l-imputat tah daqqa f'ghajnejh, huwa (Taliana) ta daqqa fuq il-*bonnet* tal-vettura tieghu (ta' Muscat). Da parte tieghu, Costa xehed li ma jafx jekk id-daqqa fuq il-*bonnet* kienitx

bil-ponn jew bis-sieq. Minn naha l-ohra, l-imputat Taliana jghid li l-hsara fuq il-*bonnet* sehhet wara li kien imbuttat minn Gianluca Costa u kif imbuttah tefghu fuq il-*bonnet*. Meta l-imputat gie mistoqsi in kontro-ezami jekk kienx ta xi daqqa fuq il-*bonnet*, wiegeb hekk: *"Dak il-hin iva tajt xi daqqa fuq il-bonnet biex jitlaqni, biex jitlaqni"* (*a fol.* 108) u meta gie mistoqsi biex kien ta d-daqqa, wiegeb li kien ta b'idejh (*a fol.* 108).

Illi l-Qorti tinnota li fi kwistjonijiet bhal dawn dejjem se ssib verzjonijiet kunfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u jitfa' d-dubbju fuq il-parti li tkun qed takkuzah. Il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. *Di fatti*, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi wara li l-Qorti ghamlet dan l-apprezzament, serenament tasal ghall-konkluzjoni, kemm fuq ix-xhieda li giet riprodotta kif ukoll fuq il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhud, li l-verzjoni tal-imputat ta' kif sehhet il-hsara fuq il-*bonnet* tal-vettura ta' Muscat mhijiex wahda verosimili. Ta' min wiehed jghid li ma ngabitx prova li effettivament kienet intuzat xi mazza jew pistola kif nghad mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Illi mill-istima ezebita *a fol.* 61 jirrizulta li l-istima tammonta ghal € 642.44 u b'hekk l-imputat ghandu jigi misjub hati taht Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tielet u r-Raba' Imputazzjoni</u>**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, ghandha tinstab htija tal-imputat fil-konfront tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet. Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni ser tinsab htija biss li l-imputat kkaguna ferita ta' natura hafifa fil-konfront ta' Muscat.

Illi, meta tigi biex tigi tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati li gew pruvati fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja) u kif ukoll il-fatt li Muscat lest li jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel *stante* li l-imputat kien ser jirrangalu l-hsarat fil-vettura. Mix-xiehda moghtija mill-imputat, l-imputat jistqarr li minkejja li kien ipprova jikkuntatja lil Muscat ma kienx irnexxielu. L-imputat jghid hekk: *"Jiena kumbinazzjoni l-panel beater habib tieghi, tajtu nofs il-flus ghax jiena ghidtlu ha nhallasulek il-van, u ghandi l-ircevuta u nsejtha d-dar illum ghax kont ser intellaghha mieghi, u sal-bierah stess pruvajt incempillu imma ma qbadtux, kont ilni xahar nghidlu ejja ghax il-panel beater irid jaghmillek il-van, u ma giex Karl Heinrich Muscat. Mhux qed jigi, hadd ma qieghed jaqbdu"* (*a fol.* 108). In segwitu ta' dan, il-Qorti ser tiehu provediment fid-decizjoni taghha sabiex f'kaz li Muscat ghadu ma thallasx tal-hsarat fil-vettura tieghu, jew jekk ma thallasx l-ammont intier, l-imputat ikun ordnat ihallas l-ammont kollu jew il-bilanc li fadallu jhallas. Fir-rigward ta' piena, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat uhud mill-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-30 ta' Marzu 2012 u senjatament Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 221(1) tal-istess Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni, u cioé ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Heinrich (Karl Heinrich) Muscat, u ssibu hati

wkoll tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum u tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas (jekk mhux diga hallas) l-ammont ta' € 642.44 (jew il-bilanc li fadal jithallas, f'kaz li diga sar xi pagament) lil Heinrich (Karl Heinrich) Muscat.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Heinrich (Karl Heinrich) Muscat u Gianluca Costa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------